# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 325/2012**

Il-Pulizija

(Spettur Sandra Zammit)

vs

**Raymond Borg**

iben John imwieled Qormi fit-22 ta' Frar, 1956, detentur tal-karta tal-identita' numru 194856(M)

Illum it-3 ta' Mejju 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Raymond Borg, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli fil-kwalita tieghu ta' direttur u/jew rapprezentant guridiku tas-socjeta' Alu-Finish Limited (C-25894) b'indirizz registrat HF 12, Industrial Estate, Birzebbugia, Malta u/jew bhala l-persuna li kien inkarigat mill-istess socjeta sabiex ihallas l-pagi dovuti,

naqas li jhallas is-somma segwenti :

- Emanuel Cassar - pagi, bonus, weekly allowance u vacation leave fis-somma ta' sitt elef sitt mija u sebgha u erbghin Ewro u tmenin Ewro centezmu (€6647.80) dovuti lil Emanuel Cassar, ex-impjegat tas-socjeta'

hawn fuq imsemmija, fis-7 ta' Marzu 2008 meta l-impjieg tieghu gie terminat ;

- Anthony Sciberras – pagi, bonus, weekly allowance u vacation leave fis-somma ta' erbat elef, tliet mija u tmienja u hamsin Ewro u tnejn u tletin Ewro centezmu (€4358.32) dovuti lil Anthony Sciberras, ex-impjegat tas-socjeta' hawn fuq imsemmija, fit-12 ta' Jannar 2008 meta l-impjieg tieghu gie terminat ;
- Saviour Ellul – pagi, bonus u weekly allowance fis-somma ta' tlett elef disa' mija u sitta u sittin Ewro u tmienja u hamsin Ewro centezmu (€3966.58) dovuti lil Saviour Ellul, ex-impjegat tas-socjeta' hawn fuq imsemmija, fis-7 ta' Marzu 2008 meta l-impjieg tieghu gie terminat.
- Stephen Grech – pagi, notice, bonus u weekly allowance fis-somma ta' tlett elef seba' mija u tmienja u sebghin Ewro u sebgha u ghoxrin Ewro centezmu (€3778.27) dovuti lil Stephen Grech, ex-impjegat tas-socjeta' hawn fuq imsemmija, fis-7 ta' Marzu 2008 meta l-impjieg tieghu gie terminat.
- Emanuel Portelli – pagi, bonus u weekly allowance fis-somma ta' erbat' elef disa' mija u erbgha u hamsin Ewro u tlieta u ghoxrin Ewro centezmu (€4954.23) dovuti lil Emanuel Portelli, ex-impjegat tas-socjeta' hawn fuq imsemmija , fis-7 ta' Marzu 2008 meta l-impjieg tieghu gie terminat ;
- Carmel Muscat – pagi u bonus fis-somma ta' elf tmien mija u erbghin Ewro tnejn u tletin Ewro centezmu (€1840.32) dovuti lil Carmel Muscat, ex-impjegat tas-socjeta' hawn fuq imsemmija , fit-12 ta' Jannar 2008 meta l-impjieg tieghu gie terminat ;
- Tony Zerafa – pagi, bonus u weekly allowance fis-somma ta' erbat elef disa' mija u hdax-il Ewro u tmienja u hamsin Ewro centezmu (€4911.58) dovuti lil Tony Zerafa, ex-impjegat tas-socjeta' hawn fuq imsemmija , fis-7 ta' Marzu 2008 meta l-impjieg tieghu gie terminat ;
- Anthony Pace - pagi, bonus u weekly allowance fis-somma ta' sebat elef mija u sebghin Ewro u sitta u sebghin Ewro centezmu (€7170.76) dovuti lil Anthony Pace, ex-impjegat tas-socjeta' hawn fuq imsemmija , fis-7 ta' Marzu 2008 meta l-impjieg tieghu gie terminat ;
- Emanuel Silvio - pagi, bonus u weekly allowance fis-somma ta' elf sitt mija u ghoxrin Ewro u wiehed u erbghin Ewro centezmu (€1620.41) dovuti lil Emanuel Silvio, ex-impjegat tas-socjeta' hawn fuq imsemmija, fit-12 ta' Jannar 2008 meta l-impjieg tieghu gie terminat ;
- Mark Attard - pagi, bonus u weekly allowance fis-somma ta' seba' mija u tlieta u erbghin Ewro u tlieta u sittin Ewro centezmu (€743.63) dovuti lil Mark Attard, ex-impjegat tas-socjeta' hawn fuq imsemmija, fit-12 ta' Dicembru 2007 meta l-impjieg tieghu gie terminat ;
- Mario Caruana - pagi, bonus u weekly allowance fis-somma ta' hamest elef sitt mija u hamsa u sittin Ewro u seba' Ewro centezmi (€5665.07) dovuti lil Mario Caruana, ex-impjegat tas-socjeta' hawn fuq imsemmija, fis-7 ta' Marzu 2008 meta l-impjieg tieghu gie terminat ;

- Rita Grixti - pagi u bonus fis-somma ta' erbat elef disa' mija u wiehed u tmenin Ewro u hamsa u sebghin Ewro centezmi (€4981.75) dovuti lil Rita Grixti, ex-impjegata tas-socjeta' hawn fuq imsemmija, fis-7 ta' Marzu 2008 meta l-impjieg taghha gie terminat ;
- Saviour Portelli - pagi, bonus u weekly allowance fis-somma ta' elfejn mitejn u hdax-il Ewro u hdax-il Ewro centezmu (€2211.11) dovuti lil Saviour Portelli ex-impjegat tas-socjeta' hawn fuq imsemmija, fis-7 ta' Marzu 2008 meta l-impjieg tieghu gie terminat ;

Ghaldaqstant, il-Qorti kienet miltuba bir-rispett sabiex tordna lill-imputat ihallas l-penali skont il-Ligi, u kif ukoll tordna lill-imputat, ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, li jhallas lil

- Emanuel Cassar – l-ammont ta' sitt elef sitt mija u sebgha u erbghin Ewro u tmenin Ewro centezmu (€6647.80).
- Anthony Sciberras – l-ammont ta' erbat elef tlett mija u tmienja u hamsin Ewro u tnejn u tletin Ewro centezmu (€4358.32).
- Saviour Ellul – l-ammont ta' ta' tlett elef disa' mija u sitta u sittin Ewro u tmienja u hamsin Ewro centezmu (€3966.58).
- Stephen Grech – Fl-ammont ta' tlett elef seba' mija u tmienja u sebghin Ewro u sebgha u ghoxrin Ewro centezmu (€3778.27).
- Emanuel Portelli – Fl-ammont ta' erbat' elef disa' mija u erbgha u hamsin Ewro u tlieta u ghoxrin Ewro centezmu (€4954.23).
- Carmel Muscat – Fl-ammont ta' elf tmien mija u erbghin Ewro tnejn u tletin Ewro centezmu (€1840.32).
- Tony Zerafa – Fl-ammont ta' erbat elef disa' mija u hdax-il Ewro u tmienja u hamsin Ewro centezmu (€4911.58).
- Anthony Pace – Fl-ammont ta' sebat elef mija u sebghin Ewro u sitta u sebghin Ewro centezmu (€7170.76).
- Emanuel Silvio – Fl-ammont ta' elf sitt mija u ghoxrin Ewro u wiehed u erbghin Euroo centezmu (€1620.41).
- Mark Attard – Fl-ammont ta' seba' mija u tlieta u erbghin Ewro u tlieta u sittin Ewro centezmu (€743.63).
- Mario Caruana –Fl-ammont ta' hamest elef sitt mija u hamsa u sittin Ewro u seba' Ewro centezmi (€5665.07).
- Rita Grixti – l-ammont ta' erbat elef disa' mija u wiehed u tmenin Ewro u hamsa u sebghin Ewro centenzmi (€4981.75) ; u
- Saviour Portelli – l-ammont ta' elfejn mitejn u hdax-il Ewro u hdax-il Ewro centezmu (€2211.11).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Gunju, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 5, 22, 23, 36, 45, u 46 tal-Kap.

452 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ir-Regolament 8(1) tal-Avviz Legali 247 tal-2003 kif sussegwentement emendat sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u illiberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tnax(12)-il xahar millum. B'applikazzjoni tal-Artikolu 45 tal-Kap. 452, ikkundannat lill-imputat sabiex sa zmien tlett(3) xhur millum ihallas is-segwenti : -

- Lil Emanuel Cassar is-somma ta' sitt elef sitt mija u sebgha u erbghin Ewro u tmenin Ewro centezmu (€6647.80).
- Anthony Sciberras is-somma ta' erbat elef tlett mija u tmienja u hamsin Ewro u tnejn u tletin Euroo centezmu (€4358.32).
- Saviour Ellul is-somma ta' tlett elef disa' mija u sitta u sittin Euroo u tmienja u hamsin Ewro centezmu (€3966.58).
- Stephen Grech is-somma ta' tlett' elef seba' mija u tmienja u sebghin Ewro u sebgha u ghoxrin Ewro centezmu (€3778.27).
- Emanuel Portelli is-somma ta' erbat' elef disa' mija u erbgha u hamsin Ewro u tlieta u ghoxrin Ewro centezmu (€4954.23).
- Carmel Muscat is-somma ta' elf tmien mija u erbghin Ewro tnejn u tletin Ewro centezmu (€1840.32).
- Tony Zerafa is-somma ta' erbat elef disa' mija u hdax-il Ewro u tmienja u hamsin Ewro centezmu (€4911.58).
- Anthony Pace is-somma ta' sebat elef mija u sebghin Ewro u sitta u sebghin Ewro centezmu (€7170.76).
- Emanuel Silvio is-somma ta' elf sitt mija u ghoxrin Ewro u wiehed u erbghin Ewro centezmu (€1620.41).
- Mark Attard is-somma ta' seba' mija u tlieta u erbghin Ewro u tlieta u sittin Ewro centezmu (€743.63).
- Mario Caruana is-somma ta' hamest' elef sitt mija u hamsa u sittin Ewro u seba' Ewro centezmi (€5665.07).
- Rita Grixti is-somma ta' erbat' elef disa' mija u wiehed u tmenin Ewro u hamsa u sebghin Ewro centenzmu (€4981.75) ; u
- Saviour Portelli is-somma ta' elfejn mitejn u hdax-il Ewro u hdax-il Ewro centezmu (€2211.11).

Rat ir-rikors tal-appellant Raymond Borg minnu pprezentat fil-21 ta' Gunju, 2012 fejn talab lil din il-Qorti jogħoġobha tirrevoka s-sentenza appellata fl-intier taghha billi thassarha u tannullha.

Minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba tirrevoka s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih u minflok tiddikjarah mhux hati taghhom u minnhom tilliberah skont il-ligi.

Alternattivament u minghajr pregudizzju ghaz-zewg talbiet precedenti, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi timponi sanzjoni aktar ekwa fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

**Illi l-ewwel aggravvju huwa s-segwenti:**

Preliminarjament l-appellant qed iqajjem il-punt li s-sentenza appellat hija nulla ghaliex ma tirrispettax ir-rekwiziti tal-Art.382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn harsa lejn is-sentenza appellata wiehed malajr jintebah li s-sentenza ma fiha l-ebda hjiel tar-ragunijiet ghalfejn l-ewwel Onorabbli Qorti kienet qed issib htija fl-imputat. Mit-tmien pagni li fiha s-sentenza, l-ewwel sitt faccati huma riproduzzjoni tal-akkuzi migjuba kontra l-imputat. Wara dan l-ewwel Onorabbli Qorti qalet li semghet il-provi, irriproduciet l-artikoli tal-ligi elenkati fl-akkuzi u dikkjarat li qed issib lill-imputat hati;

Illi ghalhekk is-sentenza appellata lanqas fiha l-inqas hjiel tar-ragunijiet ghalfejn kienet qed issib lill-imputat hati u lanqas fiha l-inqas hjiel ta' xi forma ta' deliberazzjoni da parti tal-gudikant sedenti;

Illi dan imur kontra kull principju ta' gustizzja naturali b'mod partiko1ari li kull sentenza u decizjoni irid ikun fiha l-motivazzjoni ghal tali decizjoni. Kif wiehed malajr jintebah mill-atti processwali f'din il-kawza ittellghu diversi xhieda li x-xhieda taghhom giet traskritta u gew ezebiti diversi dokumenti. Id-decide tas-sentenza lanqas referenza obiter ma taghmel ghall-istess;

**Illi tieni aggravvju huwa s-segwenti:**

L-appellant jissottometti li s-sentenza appellata u 1-proceduri quddiem 1-Ewwel Onorabbli Qorti huma nulli ghaliex l-Ewwe1 Onorabbli Qorti ma haditx konjizzjoni tan-nota ta' sottomissjonijiet pprezentata minnu. L-appellant wara 1-gheluq tal-provi qatt ma inghat l-opportunitali jressaq il-linji difensjonali tieghu. L-avukat difensur kien lest jittratta dakinhar stess tal-gheluq tal-provi izda l-prosekuzzjoni talbet li tipprezenta nota;

Il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprezenta n-nota taghha entro t-terminu lilha koncess u ghalhekk b'sens talealta d-difiza ma opponitx ghat-talba tal-prosekuzzjoni li tinghat estensjoni taz-zmien ghal tali prezentata. L-Ewwel Onorabbli Qorti ghalhekk fl-udjenza sussegwenti tat li partijiet l-istess

terminu ta' tlett gimghat ghal prezentata tan-noti ta' sottomissjonijiet bi vjolazzjoni cara tal-principju li l-ahhar kelma hija dejjem dik tad- difiza;

Illi fil-mori l-partijiet kienu regghu bdew trattattivi ta' transazzjoni u fil-fatt il-partijiet kienu ressqu rikors kongunt sabiex il-prolazzjoni tas-sentenza tigi sospiza in vista ta' dawn it-trattattivi. Din it-talba giet michuda. Kif rat dan id-difiza pprezentat in-nota ta' sottomissjonijiet taghha ghax ma riditx li tispicca minghajr difiza.

Illi ta' min jirrileva li fil-bidu ta' dawn il-proceduri kien hemm trattattivi simili izda l-prosekuzzjoni kienet baqghet ma baghtet l-ebda reazzjoni ghal proposti tal-imputat, Fil-fatt l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet ddiferiet dawn il-proceduri sine die in vista tal-inertia tad-Dipartiment koncernat;

Illi fin-nota sottomessa, l-esponent appellant elenka l-linji difensjonali tieghu li izda l-ewwel Onorabbli Qorti lanqas biss hadet konjizzjoni taghhom bi vjolazzjoni tad-drittijiet tad-difiza tal-appellant;

**Illi t-tielet aggravvju tal-appellant huwa s-segwenti:**

L-appellant qatt ma seta jinstab hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu stante li fil-kaz tieghu kienet tapplika d-difiza kontemplata fl-Art 46 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk meta lanqas ikkunsidrat din id-difiza l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi.

Illi l-Art.46 tal-Kap. 452 jistipula illi:

*Meta reat kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi regolamenti jew ordnijiet magbmula bis-sahha tieghu jsir minn socjeta', kumpanija, ghaqda jew korp iehor ta' persuni, kull persuna li fiz-zmien li jkun sar ir-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor bhal dawk ta' dik is-socjeta', kumpanija, ghaqda jew korp iehor ta' persuni jew kienet tidher li qed tagixxi f'xi kariga tali titqies li tkun hatja ta' dak ir-reat jekk ma tippruvax li r-reat sar minghajr it-taghrif taghha u li kienet ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex timpedixxi l-ghemil tar-reat.*

Illi ma huwiex kontestat li l-akkuzat kien direttur tas-socjeta' Alu-Finish Limited fiz-zmien li allegatament sehh ir-reat. Li huwa kontestat hija pero' ir-responsabilita' penali tal-akkuzat;

Illi mix-xhieda prodotta jirrizulta li dak li qed jigi ivvantat fil-konfront tal-akkuzat huwa n-nuqqas tal-pagament ta' notice money lill-impjegati tas-socjeta' Alu-Finish Limited wara li l-istess socjeta' giet zgumbrata minn gewwa l-Fabbrika HF12 gewwa l-Qasam Industrijali ta' Hal Far da parti tal-Malta Industrial Parks Limited;

Illi kif xehed l-akkuzat innifsu, l-kumpanija kienet qed topera regolarment minn gewwa l-Fabbrika hawn fuq imsemmija meta fl-1 ta' Dicembru 2007 huwa mar il-fabbrika u sab kullimkien msakkar u ghassa barra l-bieb. L-akkuzat ma qadx b'idu fuq zaqqu u ghamel dak kollox possibli sabiex jiddefendi l-interessi tal-kumpanija u l-impjieg tal-impjegati tieghu. Ipprezenta zewg mandati ta' inibizzjoni, Ipprezenta mandat ta' deskrizzjoni, iddefenda l-kumpanija mill-pretensjonijiet vantati kontriha u pprezenta azzjoni kontra l-Malta Industrial Parks Limited ghat-telf li garrbet is-socjeta u b'mod partikolari talab ghas-somom dovuti mill-impjegati. Ipprova jillikwida l-assi tal-fabbrika izda wara oppozizzjoni minn l-istess Malta Industrial Parks Limited, hafna mill-istess assi sfaw misruqa. Finalment ipprezenta mandat ta' sekwestru kontra l-Malta Industrial Parks Limited li kien jinkludi s-somom dovuti lill-impjegati. Dan tal-ahhar kien gie milqugh mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili izda gie sussegwentament revokat abbazi tal-fatt li fil-fehma ta' dik il-Qorti, l-Malta Industrial Parks Limited kellha bhala azzjonist il-Gvern ta' Malta u ghaldaqstant kien hemm 'garanzija' li din il-kumpanija tkun tista' taghmel tajjeb f'kaz ta' ezitu pozittiv ghal azzjoni tal-akkuzat ( tramite s-socjeta');

Illi bl-azzjoni li hadet il-Malta Industrial Parks Limited, din gabet l-gheluq u t-telf tan-negozju kollhu tas-socjeta Alu-Finish Limited meta mhux biss sofriet zgumbrament mill-premises taghha izda gew maqbuda l-impjant kollu u materja prima li bih kienet topera l-istess socjeta. L-akkuzat kif jirrizulta mix-xhieda ma qabadx u ittermina l-impjieg tal-haddiema tieghu ma l-ewwel sinjal ta' diffikulta. Huwa zamm lill-istess impjegati fl-impjieg taghhom u d-data tal-ghoti tan-notice jinkombaca mad-dati li fihom gew michuda l-mandati ta' inibizzjoni minnu pprezentati u ghalhekk ma kienx hemm prospett li seta jinghata access ghal fabbrika fi zmien qasir u li kien ser ikollu jkompli bil-proceduri legali li kien istitwixxa;

Illi hawnhekk ma ghandniex dak li l-Qorti tal-Appell Krirninali (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha tad-9 ta' Dicembru 2011 fl-ismijiet "il-Pulizija v Brian John Farrugia" tirreferi ghalih bhala self inflicted impossibility. Kif irrikonoxxit l-istess Qorti fis-sentenza citata, d-difiza tal-impossibilita' hija accetta fid-dritt nostran. Jirrizulta mix-xhieda ta' uhud mill-impjegati li telghu jixhdu li fil-fatt l-ahhar paga inghatatilhom nhar it-30 ta' Novembru 2007. Irrizulta ukoll li sarulhom zewg pagamenti ohra. Dawn l-ahhar pagamenti saru personalment mill-akkuzat u minn huh Charles Borg u mhux mill-fondi tal-kumpanija

Illi din il-linja difensjonali hija wkoll kontemplata fl-Art.13 tal-Kap.249 tal-Ligijiet ta' Malta. Wiehed ghalhekk irid jistaqsi- Seta ghamel xi haga ohra l-akkuzat sabiex jevita t-twettiq tal-allegat reat? L-esponent umilment jissottometti li ma setax. Ghamel dak kollu possibli sabiex jhares l-impjieg tal-

haddiema tieghu u ghamel minn kollox sabiex jikkawtela l-interessi tal-istess impjegati meta istitwixxa proceduri legali kontra terzi;

**Illi r-raba' u l-ahhar aggravvju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti:**

Mill-provi li kellha quddiemha l-ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghat issib htija fl-imputat appellant ghaliex l-prosekuzzjoni ma lahqitx il-prova inkombenti fuqa fil-ligi u n-natura tal-provi migjuba kienu tali li ma kienux jippermettu lill-ewwel Onorabbli Qorti li taghmel ordni ta' hlas ai termini tal-Art45 tal-Kap452 u l-fatt li l-ewwel Onorabbli Qorti ddikjarat li kienet qed issib htija f'dan il-kaz u ghamlet ordni ghal hlas irendi lill-istess sentenza bhala wahda unsafe and unsatisfactory u ghallhekk timmerita li tigi revokata;

Illi x-xhieda mghotija mill-maggior parti tal-impjegati hija wahda konfuzjonarja ghall-ahhar u zgur ma twassalx sal-grad tal-prova rikjest fil-kamp penali. Kellna haddiema li lanqas biss setghu jiftakru kemm kellhom paga u ohrajn l-anqas l-ahhar gurnata li hadmu;

Illi x-xhieda mghotija mir-rapprezentanti tad-Dipartiment koncemat ftit ghandha rilevanza ghaliex fil-parti l-kbira taghha tikkostitwixxi hearsay evidence ghaliex huma dwar fatti li l-istess xhieda ma kienux jafuhom di scienza propria izda kienu bbazati fuq dak li ntqal lilhom mill-impjegati;

Illi ghal kuntrarju l-akkuzat meta xehed quddiem din l-Onorabbli Qorti kien preciz hafna u ta' rendikont preciz tal-pagamenti maghmula u tal-pagi tal-haddiema. Fatt kurjuz huwa li l-impjegati kollha naqsu milli jghidu li barra fit-30 ta' Novembru 2007, kienu sarulhom zewg pagamenti ohra u ghalhekk jekk il-kalkoli tal-prosekuzzjoni huma bbazzati fuq id-data tat-30 ta' Novembru 2007 dawn huma bil-fors zbaljati;

Illi l-istess issir referenza ukoll ghal pagna 5 tax-xhieda tal-akkuzat fejn jispjega kif anke l-kalkoli tad-Dipartiment ghal dak li kien jirrigwarda leave kien zbaljat, fatti li bl-ebda mod ma gew kontestati mill-prosekuzzjoni. Addirittura impjegat (Mario Caruana) qed jitlob in-notice money sal-21 ta' Marzu 2008 meta dan kellu jkun sas-7 ta' Marzu 2008-;

Illi rrizulta li fil-fatt kien hemm impjegati li kienu qed jahdmu fiz-zmien tan-notice kif ukoll impjegata li giet offruta li tahdem il-perjodu tan-notice (specifikament sabiex tlesti d-dokumentazzjoni relattiva ghal pagi tal-haddierna) u li irrifjutat. Hawn issir referenza ghal Mario Caruana, Stephen Grech u Rita Grixti. Xhud, impjegat iehor qalilna li beda jahdem ta' sajjied self employed full time ezatt kif spicca l-perjodu tan-notice. Dan juri ukoll certu mala fede da parti tal-istess impjegati li minkejja li sabu xoghol iehor jew setghu sabu xoghol iehor, anke meta konsapevoli tal-qaghda prekarja tal-kumpanijia mmexxija mill-akkuzat, adoperaw mannigi sabiex ikomplu jiggravaw din is-sitwazzjoni;

Illi l-akkuzat qatt ma qal li ma hemmx somom dovuti mis-socjeta' Alu-Finish Limited lill-impjegati. Kien ikun skorrett li kieku ghamel dan. Huwa wera pero' fejn il-kalkoli kienu hziena u dan urih lid-Dipartiment koncernat u dawn qieghdin jigu riprodotti ai fini ta' kjarezza u korrettezza:

**Portelli Emanuel: TOTAL - Ewro 3406.68 as follows:**

Year 2007 Payroll 25: LM 68.31 (balance)

26: LM 185.95

27: LM 153.75 (including December bonus) TOTAL: LM 408.01 (Euro 950.40)

Year 2008 (01/01/08 - 07/03/08): Net pay including part March and June bonuses Ewro 2456.28.

**Zerafa Tony: TOTAL - Ewro 3393.76 as follows:**

Year 2007 Payroll 25: LM 50.00 (balance)

26: LM 193.45

27: LM 161.50 (including December bonus) TOTAL: LM 404.95 (Euro 943.28)

Year 2008 (01/01/08 - 07/03/08) : Net pay including part March and June bonuses Ewro 2450.48

**Portelli Saviour: TOTAL - Ewro 1714.65**

Year 2007 Payroll

25:LM 50.00 (balance)

26: LM 172.20

27: LM 149.25 (including December bonus) TOTAL LM 371.45 (Euro 865.25)

Year 2008 (01/01/08 - 07/02/08): et pay including part March and June bonuses Ewro 849.40

**Ellul Saviour: TOTAL - Ewro 2801.66**

Year 2007 Payroll 25: LM 49.55 (balance)

26: LM 151.00

27: L}'1139.25 (including December bonus) TOTAL LM 339.80 (Euro 791.52)

Year 2008 (01/01/08 - 07/03/08): Net pay including part March and June bonuses Ewro 2010.14

**Caruana Mario: TOTAL - Ewro 4166.44**

Year 2007 Payroll

26: LM 246.90

27: LM 182.15 (including December bonus) TOTAL LM 429.05 (Euro 999.42)

Year 2008 (01/01/08 - 07/03/08) including part March and June bonues Ewro 3167.02

**Pace Tonio: TOTAL -Ewro 5498.95**

Year 2007 Payroll

25 :LM 102.2926: LM 377.36

27: LM 284.42 (including December bonus) TOTAL LM 764.07 (Euro 1779.80)

Year 2008 (01/01/08 - 07/03/08) including part March and June bonuses Ewro 3719.15

**Grixti Rita: TOTAL – Ewro 4367.34**

Year 2007 Payroll

25: LM 74.00

26: LM 286.74

27: LM 230.04 (including December bonus) TOTAL LM 590.78 (Euro 1376.14)

Year 2008: (01/01/08 - 07/03/08) including part March and June bonuses Ewro 2991.20

**Muscat Carmel: TOTAL: Ewro 1468.95**

Year 2007 Payroll

25: LM 65.00

26: LM 203.00

27: LM 179.80 (including December bonus) TOTAL: LM 447.80 (Euro 1043.09)

Year 2008 (01/01/01- 08/01/08) including part March and June bonuses Ewro 425.86

**Grech Stephen: TOTAL -Ewro 1437.67**

Year 2007 Payroll

25: LM 87.42

26: LM 188.00

27: LM 170.80 (including December bonus) TOTAL: LM 446.22 (Euro 1049.41)

Year 2008 (01/01/08 - 08/01/08) including part March and June bonuses) Euro 398.26

**Attard Mark: TOTAL - Ewro 629.91**

Year 2007 Payroll

25: LM 61.50

26: LM 144.00

27: LM 64.92 (including December bonus) TOTAL LM 270.42 (Ewro 629.91)

Illi dawn il-kalkoli huma bbazati fuq il-presuppost li hadd mill-haddiema ma kien qed jahdem fin-notice period jew gie offrut lilu xoghol u huwa rrifjuta. Ghalhekk jekk din l-Onorabbli Qorti tilqa d-difiza tal-akkuzat li uhud mill-haddiema kienu qed jahdmu fin-notice period jew addirittura dawn gew offruti xoghol f'dak il-perjodu izda huma rrifjutaw, dawn il-kalkoli jridu jigu riveduti sabiex jirreflettu dan it-tnaqqis.

Illi inoltre jidher car li fil-kalkoli taghhom id-Dipartiment qed jahdem fuq paga gross li tinkludi ukoll l-NI u l-PAYE u dan huwa manifestament skorrett.

Illi hawnhekk il-Qorti ma ghandiex quddiemha akkuzat li qed jirrifjuta li jhallas jew ma hallasx b'mod kapriccuz. Hawn ghandna akkuzat li kien negozjant genwin li n-negozju tieghu ltaqa' ma diffikultajiet serji. L-akkuzat ma kienx employer kapriccuz li meta ra l-maltemp gej abbanduna kollox. Ghalkemm konxju tar-responsabilitajiet li qed jassumi, l-akkuzat ma rrizenjax minn direttur u halla kollox ghal rihtu. Baqa direttur u ghamel u ghadu qed jaghmel dak kollox possibli legalment sabiex jigbor l-flus tal-kumpanija u dak dovut lill-ex haddiema tieghu. Ghalhekk fil-fehma tal-esponent l-akkuzat ghandu jigi mehlus minn kull htija;

Illi fid-dawl tad-diskrepanzi anke fil-kalkoli, Qorti ma tistax f'kaz li ssib htija taghti l-ordni ta' hlas ai termini tal-Art. 45(2) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan kollu ser izomm inpregudikat d-drittijiet civili tal-impjegati li jfittxu dak li skont huma jispetta lilhom bil-ligi. Dan qed jinghad ukoll fid-dawl

ta' proceduri civili li ghalihom saret referenza u prova dokumentarja taghhom gew sottomessi quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

L-appellant preliminarjament jissolleva il-pregudizzjali dwar in-nullita' tas-sentenza appellata ghaliex din hija nieqsa minn motivazzjoni u minn apprezzament tax-xiehda u tal-provi mismugha quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi huwa l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali li jitkellem dwar dak li għandu jkun fiha sentenza *ad validatem* meta hemm hekk dispost:

> **"Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun gie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat".**

Illi r-*ratio legis* wara l-artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun cara fis-sens illi kemm il-persuna akkuzata kif ukoll kull min huwa parti fid-decizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkuzata tkun qed tigi misjuba hatja, taghti l-piena ghal dawk il-fatti li qed jistabilixxu ir-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-ligi li dwarhom qed tinstab il-htija.

Illi minn qari tas-sentenza appellata ma jidhirx illi kien hemm nuqqas ta' osservanza tal-ligi. Il-ligi ma tirrikjediex *ad validitatem* fil-kamp penali illi d-decizjoni tkun

wahda motivata, ghalkemm jkun desiderabbli jekk l-qorti imqar fil-qosor taghti xi mottiv singolari li jkun wassalha ghad-decizjoni taghha.

> **"Il-fatti li l-artikolu 382 jirreferi ghalihom huma l-fatti tar-reat u mhux, kif jippretendi l-appellant, il-fatti li jiggustifikaw il-kundanna ossia l-motivazzjoni. Fis-sentenza appellata l-fatti tar-reat huma effettivament elenkati fil-bidu nett. L-ewwel Qorti mbaghad ghaddiet biex telenka l-artikoli tal-ligi relattivi ghal dawk ir-reati kollha u ddikjaratu hati wara li qalet li kienet semghet ix-xhieda kollha u ezaminat id-dokumenti esibiti. Dak li kellha f'mohha l-ewwel Qorti huwa car, cioe` li kienet qed issib il-htija ghall-imputazzjonijiet kollha peress li ma ghamlet l-ebda kwalifika, u wiehed m'ghandux ghalfejn janalizza s-sentenza biex jipprova jiddetermina ta' x'hiex hija kienet qed issib lill-appellant hati[1]."**

Maghmula dawn il-konsiderazzjoni kwindi huwa evidenti illi l-aggravju imqanqal mill-appellant ma jisthoqqlux akkoljiment u qed jigi michud.

Illi l-appellant iressaq kritika ohra diretta lejn il-validita' tas-sentenza appellata meta iqies illi din hija ivvizjata minhabba l-fatt illi ma ittiehdux in konsiderazzjoni id-difizi minnu imqanqla fin-nota ta' sottomissjonijiet finali ipprezentata minnu lejlet l-ghoti tas-sentenza. Kwindi lanqas gie rrispettat, fil-fehma tieghu il-prinċipju illi d-difiża għandha jkollha l-aħħar kelma.

Illi din il-Qorti ezaminat l-atti processwali u tistqarr minnufih illi l-ilment imressqa mill-appellant ma jinsabx rifless fl-*iter* li segwa dan il-kaz quddiem l-Ewwel Qorti. Illi nhar l-24 ta' Jannar 2012 l-appellant għalaq il-provi tiegħu liema provi kienu jikkonsisti fil-kontro-eżami ta' diversi xhieda u fit-testimonjanza ta' xhieda oħrajn fosthom l-appellant stess. Skont l-istess verbal irriżulta illi l-partijiet wara dan tallbu sabiex jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet minflok li jaghmlu trattazzjoni *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti. Din it-talba giet milqugha u gie koncess terminu

---

[1] Il-Pulizija vs Elton Abela deċiża (Imħallef David Scicluna) mill-Qorti tal-Appell Kriminali 28/01/2005.

lill-partijiet jissottomettu n-noti tagħhom u ċioe sal-24 ta' Frar 2012 għall-prosekuzzjoni u sal-24 ta' Marzu 2012 għad-difiża.[2]

Sussegwentement nhar it-18 ta' April 2012 il-parte ċivile talbu sabiex it-terminu għall-preżentata tan-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom jiġi estiż ulterjorment u dan peress illi kienu naqsu milli jippreżentaw l-imsemmija nota fit-terminu preskritt mill-Ewwel Qorti. Fl-20 ta' April 2012 l-Ewwel Qorti filfatt laqat din it-talba permezz ta' digriet kamerali.[3] In oltre jidher li permezz ta' verbal datat l-24 ta' April 2012, l-Ewwel Qorti ikkonfermat il-konċessjoni tagħha għall-estenzjoni mitluba u dan billi kkonċediet tlett ġimgħat zmien minn dakinhar favur il-partijiet sabiex jippreżentaw in-noti tagħhom b'dana illi wissiet lill-istess illi jekk jonqsu milli jonoraw dan it-terminu ġdid kif prefiss minnha, il-Qorti kienet ser tgħaddi għas-sentenza.[4] Wara dan jigi ipprezentat rikors konġunt mill-partijiet datata t-18 ta' Mejju 2012 fejn tintalab estenzjoni oħra ghal prezentata tan-noti u dan fid-dawl tal-fatt illi huma kienu qegħdin fi trattativi sabiex isolvu l-pendenzi ta' bejniethom.[5] Illi b'digriet tal-25 ta' Mejju 2012, l-Ewwel Qorti ċaħdet din it-talba tal-partijiet.[6] Illi imbaghad finalment lejliet l-ghoti tas-sentenza u cioe' fil-11 ta' Ġunju 2012 l-appellant iressaq n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.

Illi mfassal l-*iter* processwali tal-kaz mill-mument illi gew maghluqa il-provi tad-difiza ghandu jirrizulta illi l-appellant bl-ebda mod ma ġie mċaħħad milli jaghmel id-difiza tieghu. Illi ibda biex l-appellant inghata opportunita shiha li jaghmel id-difiza tieghu. Kien dejjem debitament assistit mid-difensur tieghu li ghamel il-kontro-ezamijiet tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, tressqu l-provi kollha in difeza u finalment inghata zmien xieraq biex iressaq is-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub u dan fuq

---

[2] Folio 136 tal-atti proċesswali.
[3] Folio 150 u 151 tal-atti proċesswali.
[4] Folio 152 tal-atti proċesswali.

[5] Folio 153 tal-atti proċesswali.
[6] Folio 155 tal-atti proċesswali.

talba tieghu stess. Illi dawn is-sottomissjonijiet fil-fatt jigu ipprezentati tardivament minnu ghalkemm inghata diversi opportunitajiet sabiex jissottometti l-istess u meta huwa talab iktar zmien ghaliex jikkontendi illi kien qed jipprova jilhaq ftehim mal-parti leza, l-Ewwel Qorti cahhdet it-talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u dan sa minn hmistax-il jum qabel id-data appuntata ghall-ghoti tas-sentenza. Illi allura ghalkemm l-appellant kien konsapevoli sa mill-25 ta' Mejju 2019 illi t-talba tieghu giet michuda u ghalkemm kien jaf ukoll allura illi s-sentenza kienet ser tinghata fid-data appuntata ghaldaqshekk, xortawahda ghazel li jipprezenta in-nota tieghu lejliet din id-data. Illi minn ezami tal-atti inoltre lanqas ma hemm indikazzjoni illi l-Ewwel Qorti naqqset milli tiehu konjizzjoni ta' din in-nota qabel l-ghoti tad-decizjoni finali kif jikkontendi l-appellant.

Illi fir-rigward tal-ilment imqanqal mill-appellant illi gie lez il-principju illi l-ahhar kelma tispetta lid-difiza, anke hawn m'ghandux ragun. Illi s-smiegh tal-provi gie maghluq bis-smiegh tax-xhieda tad-difiza. Illi l-prosekuzzjoni u l-parte civile naqqsu milli jipprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, biex b'hekk lanqas jista' jinghad illi l-Ewwel Qorti semghet l-argumenti tal-prosekuzzjoni u mhux tad-difiza billi l-uniku nota ta' sottomissjonijiet li hemm fl-atti hija appuntu dik tad-difiza. Il-proċeduri f'din il-kawża kienu regolati b'rispett u osservanza ta' dak li jipprovdu l-artikoli 374(i) u 375 tal-Kodiċi Kriminali. Finalment, jidher ċar li l-Ewwel Qorti tat diversi opportunitajiet lill-partijiet sabiex jagħmlu n-noti tagħhom u meta dawn naqqsu milli jippreżentawhom allavolja debitament imwissija mill-Ewwel Qorti li kienet ser tipproċedi bl-għoti tas-sentenza fin-nuqqas, l-appellant xortawahda ghazel li iressaq in-nota ta' sottomissjonijiet tardivament. Konsegwentement din il-Qorti hija tal-fehma li lanqas in-nullita' tal-atti proċesswali ma tirriżulta u b'hekk lanqas it-tieni aggravju tal-appellant ma jisthoqqlu akkolijment.

Ikkunsidrat,

Illi meghluba dawn l-ostakoli ta' natura procedurali jifdal sabiex jigu trattati l-aggravji l-ohra marbuta mal-mertu tal-kaz. Illi mill-provi mressqa rriżulta li d-Dipartiment tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrijali kien ġie inondat minn numru ta' ilmenti mingħand impjegati tal-kumpanija Alufinish Ltd li allegaw li kienu spiċċaw bla xogħol ħabta u sabta minħabba xi problemi finanzjarji li l-kumpanija kienet qed tiffaccja biex b'hekk abbazi tal-informazzjoni pprovduta lilhom minn dawn l-impjegati d-Dipartiment wasal ghal komputazzjoni tal-flejjes dovuti lilhom mill-appellant u s-socjeta minnu rapprezentata.

L-appellant jishaq li hu ma kellux jinstab ħati tal-akkużi miġjuba kontriħ u dan fid-dawl ta' dak dispost fl-artikolu 46 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi:

> **46. Meta reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi regolamenti jew ordnijiet magħmula bis-saħħa tiegħu jsir minn soċjetà, kumpannija, għaqda jew korp ieħor ta' persuni, kull persuna li fiż-żmien li jkun sar ir-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor bħal dawk ta' dik is-soċjetà, kumpannija, għaqda jew korp ieħor ta' persuni jew kienet tidher li qed taġixxi f'xi kariga tali titqies li tkun ħatja ta' dak ir-reat jekk ma tippruvax li r-reat sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li kienet eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex timpedixxi l-għemil tar-reat.**[7]

L-appellant jikkontendi illi huwa għamel l-almu tieghu sabiex jipprova isolvi il-problemi li kellu ma-socjeta Malta Industrial Parks Limited u sabiex jara illi l-pagi tal-impjegati jkunu koperti u saldati. Jikkontendi illi l-fabbrika in kwistjoni ingħalqet mingħajr preavviż tant illi l-ħaddiema kienu rrapurtaw għax-xogħol u kienu sabu l-bieb magħluq bil-pulizija u kwindi lanqas ma kellu aċċess għad-dokumenti meħtieġa sabiex ikun jista jħallshom dak dovut u/jew pendenti.

Illi r-responsabbilta' vikarja tal-appellant tohrog mill-artikolu 46 hawn fuq ikkwotat u allura:

---

[7] Emfazi tal-Qorti.

> Biex direttur (jew persuna ohra msemmija fl-Artikolu 13 ta' Kap. 249) ma jkunx vikarjament responsabbli ghar-reat kommess mill-kumpanija jew socjeta` irid jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, mhux biss li hu ma kienx jaf li kien sar ir-reat izda wkoll (mhux jew) li hu kien ezercita id-diligenza kollha xierqa biex jigi evitat dak ir-reat. Tali diligenza ma tistax tikkonsisti filli persuna semplicement thalli f'idejn haddiehor biex iwettaq pjan, ordni jew xi management partikolari, ghax altrimenti jkun facli ghal dak li jkun li jahsel idejh mir-reponsabbilta` penali (f'dan il-kaz vikarja) billi jghid, per ezempju, li ta ordni lis-subaltern tieghu u li kien dan is-subaltern tieghu li ma wettaqx l-ordni. Il-ligi tirrikjedi li dak li jkun ikun ezercita d-dilgenza kollha xierqa, u dan normalment ifisser li dak li jkun irid ikun ha attivament passi biex jassigura l-osservanza tal-ligi.[8]

Illi l-appellant ighid li da parti tiegħu kien għamel kull ma seta' sabiex iżomm mal-obligazzjonijiet tiegħu fejn sahansitra lanqas kien ittermina x-xogħol tal-ħaddiema immedjatament u dan peress li ħa l-passi meħtieġa sabiex jikkontesta l-*eviction notice* maħruġa fuq il-fabbrika fejn madankollu meta din ma ntlaqatx, kien ta n-*notice* lill-ħaddiema in kwistjoni. Hu ikompli jispjega l-passi li ttieħdu da parti tas-socjeta minnu rapprezentata, inkluż talba għall-ħlas tad-danni li skont l-appellant jirreflettu wkoll il-pagi tal-impjegati li kellhom jiġu tterminati konsegwenza tal-egħluq tal-fabbrika. Jidher ukoll mill-provi illi n-nuqqasijiet li rriżultaw seħħew wara l-egħluq tal-fabbrika, liema ċirkostanzi avveraw rwiehom minħabba li ma kenitx thallset il-kera dovuta lis-socjeta Malta Industrial Parks Limited, u ghalhekk is-socjeta giet zgmubrata mill-fond minnha okkupat.

Maghdud dan madanakollu din il-Qorti hija tal-fehma illi l-appellant kien konsapevoli tar-riskji li s-socjeta minnu rapprezentata setgħet taffaċċja minħabba l-problemi li kien hemm mas-socjeta kreditrici li minn ghandha kien igawdi titolu ta' kera fuq il-fabbrika li minnha kien jiggestixxi n-negozju tieghu. Ma jidhirx mill-provi imressqa minnu illi huwa ha xi azzjoni biex jipprova jimminimizza l-pendenzi li kellu ma' din is-socjeta sabiex jevita finalment l-izgumbrament tas-socjeta minnu

---

[8] Pulizija vs Gaetano Abdilla, deċiża nhar it-28.7.2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) u ppreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano, ref. No. 81/1999.

rapprezentata mill-fabrikka fejn huwa kien jimpjega l-haddiema kwerelanti f'dina l-istanza. Jidher ukoll mix-xhieda tal-ex-impjegati li ħadd minnhom ma kien gie avzat b'dak li kien qed isehh u li filfatt saru jafu mill-aħbarijiet dwar l-egħluq tal-fabbrika u r-raġunijiet għalfejn kienet magħluqa. Kwindi huwa diffiċli għal din il-Qorti temmen li l-appellant ma kienx jaf b'dawn il-problemi u konsegwentement bir-responsabbilta' tal-ħlas tal-pagi u l-obbligi l-oħra fil-konfront tal-impjegati tal-fabbrika.

Illi l-fatt wahdu li l-appellant ghamel diversi tentattivi sabiex jipprova jhallas lill-impjegati dak kollu lilhom dovut sal-mument tat-tmiem tal-impjieg taghhom inkluz allura in-*notice money*, ma tezonerahx mir-responsabbilta penali billi huwa indubitat illi dak li wassal ghall-eghluq tal-fabbrika kien frott tal-amministrazzjoni tieghu tan-negozju tas-socjeta minnu rapprezentata. In oltre fid-dawl tad-diċitura tal-artikolu 46 tal-Kapitolu 452 il-prova kienet taqa' fuq l-ispalla tal-appellant li kellu jipprova imqar sal-grad tal-probabbli li huwa kien injar tas-sitwazzjoni prekarja li fiha kienet tinstab il-kumpanija tieghu u li allura kien hemm ir-riskju tat-telfien ta' xoghol tal-impjegati tieghu u li għamel dak kollu li seta' sabiex jipprevjeni t-twettieq tar-reat. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant kien ben konsapevoli dwar dak li kien qed iseħħ u li filwaqt li ipprova jikseb dak dovut lill-ħaddiema tramite l-kawżi li fetaħ kontra s-socjeta kreditrici, madanakollu huwa kien diga qieghed lilu innifsu fl-impossibilita' tal-ħlas minħabba l-problemi li kellu ma' din is-socjeta u li spiccaw skalaw u wasslu ghall-eghluq tan-negozju gestit mis-socjeta minnu rapprezentata. Konsegwentement it-tielet aggravju ukoll qed jigi michud.

Ikkunsidrat:

Illi finalment l-appellant qiegħed jikkontesta l-ammonti dovuti lill-impjegati u dan peress li qed jinsisti li huwa biss il-ħlas għall-perijodu tan-*notice* li huwa dovut, oltre l-kontestazzjoni illi l-kalkolazzjonijiet saru abbazi tal-paga *gross* u mhux *net* sabiex l-ammont irreklamat huwa esagerat. Hu filfatt jikkontendi illi l-impjegati kienu

imħallsin sa l-aħħar tax-xahar ta' Novembru u allura ma kienx hemm pendenzi fil-pagi dovuti. Jgħid ukoll li kien hemm min mill-impjegati kien sab impjieg ieħor matul il-perijodu tan-*notice* u kwindi dan il-fattur irid jittieħed in konsiderazzjoni wkoll meta jsiru l-komputazzjonijiet meħtieġa.

Illi mill-qari tal-provi mressqa jidher li l-maġġoranza tal-impjegati jikkonfermaw li kienu rċevew l-aħħar l-ħlas qabel l-aħħar ġimgħa ta' Novembru 2007 fejn irriżulta wkoll li huma kienu jitħallsu kull ġimgħatejn. Jirriżulta wkoll li l-ħaddiema sabu l-bieb tal-fabbrika magħluqa fit-30 ta' Novembru 2007 u ċioe ġimgħa wara li kienu tħallsu. Dan ifisser allura illi huma kienu ħadmu għal-ġimgħa qabel ingħalqet il-fabbrika minghajr ma ircevew il-hlas ghaldaqshekk biex b'hekk hemm gimgha paga dovuta, oltre il-hlas ghal perijodu tan-*notice*. In oltre peress illi l-impjieg ġie terminati fl-aħħar ta' Novembru u l-impjegati ngħataw in-*notice* sa Marzu tas-sena ta' wara, m'hemm l-ebda dubbju li apparti l-paga kien hemm intitolament għall-bonus li huwa dovut fix-xhur ta' Ġunju u f'Diċembru.

Illi finalment mix-xhieda tal-impjegati kollha jidher ukoll li ħadd ħlief wieħed minnhom ma kien qiegħed jaħdem matul il-perijodu tan-*notice* kollu allavolja ġie allegat mod ieħor mill-appellant. Infatti anki uħud mix-xhieda li ġew prodotti in difeża kkonfermaw li l-ħaddiema in kwistjoni ma kienux ħadmu matul il-perijodu tan-*notice* għajr għal Mario Caruana li jidher li kien ħadem matul dan il-perijodu, kif ukoll Saviour Portelli u Emanuel Silvio li haddmu ghal xi zmien mill-istess perijodu, izda minn dak illi xehdu r-rappreżentanti tad-Dipartiment tax-Xoghol meta irriżultalhom li l-ħaddiema kienu ħadmu matul dan il-perijodu kienet saret *revision of claim* wara li kien hemm konsultazzjoni mad-diretturi in kwistjoni. Kwindi d-Dipartiment kien ħa in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz qabel ma wasal sabiex jaghmel l-komputazzjonijiet mehtiega.

Illi allura din il-Qorti hija tal-fehma illi d-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti fir-rigward jisthoqqilha konferma ghajr ghal pagamenti li saru mill-appellant matul il-mori tal-

appell. Fil-fatt l-impjegat Anthony Sciberras iddikjara illi kien tħallas l-pendenzi dovuti lilu mill-appellant u li ma kellux aktar pretensjonijiet fil-konfront tiegħu,[9] oltre ghal xi hlasijiet ohra illi saru u dan kif rifless fin-nota ipprezentata mill-appellant fl-04 ta' Marzu 2019. Illi filwaqt li dan ser jittieħed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti u allura ser jkun hemm varjazzjoni fil-piena inflitta u l-kundanna relattiva ghal hlas dovut, dan ma jbiddel u ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta' kriminali tal-appellant ghall-akkużi kif imressqa kontra tiegħu. Illi finalment minn ezami tad-dokumenti esebieti minn Ivan Spiteri, Emanuel Cachia u Connie Attard in rapprezentanza tad-Dipartiment tax-Xoghol jidher car illi l-kalkolu tal-paga sar fuq l-ammont "*net*" u mhux "*gross*" kif allegat mill-appellant. Fil-fatt meta dawn ix-xhieda pprezentaw id-dokumenti li fuqhom huma sejsu l-kalkolazzjonijiet ta'l-ammont dovut, ma jidhirx illi l-appellant ikkontesta l-ammonti dovuti billi lanqas kontro-ezami f'dan is-sens ma sar.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta' Raymond Borg, izda tirriforma d-decizjoni appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn din sabitu hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u filwaqt li tikkonferma dik il-parti tad-decizjoni fejn gie applikat il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perijodu ta' tnax-il xahar, tirriforma il-piena inflitta fit-termini tal-artikolu 45 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tikkundanna lill-appellant ihallas fi zmien tlett xhur mil-lum is-segwenti ammonti biss:

1. lil Emanuel Cassar is-somma ta' sitt elef sitt mija u sebgha u erbghin Ewro u tmenin centezmu (€6647.80).
2. lil Saviour Ellul is-somma ta' elf mija u erbgha u sittin ewro u tnejn u disghin centezmu (€1164.92)
3. lil Stephen Grech is-somma ta' elfejn tlett mija u erbghin ewro u sittin centezmu (€2340.60)

[9] Ara folio 214, datata d-19 ta' Mejju 2016.

4. lil Emanuel Portelli s-somma ta' elf hames mija u sebgha u erbghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€1547.55)
5. lil Carmel Muscat is-somma ta' tlett mija u wiehed u sebghin ewro u sebgha u tletin centezmu (€371.37)
6. lil Anthony Zerafa is-somma ta' elf hames mija u sbatax-il ewro u tnejn u tmenin centezmu (€1517.82)
7. lil Anthony Pace is-somma ta' elf sitt mija u wiehed u sebghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€1671.81)
8. lil Emanuel Silvio is-somma ta' elf sitt mija u ghoxrin ewro u tlieta u sittin centezmu (€1620.41)
9. lil Mark Attard is-somma ta' mija u tlettax-il ewro u tnejn u sebghin centezmu (€113.72)
10. lil Mario Caruana is-somma ta' elf erba' mija u tmienja u disghin ewro u tlieta u sittin centezmu (€1498.63)
11. lil Rita Grixti s-somma ta' sitt mija u erbatax-il ewro u wiehed u erbghin centezmu (€614.41)
12. lil Saviour Portelli s-somma ta' erba mija u sitta u disghin ewro u sitta u erbghin centezmu (€496.46)

(ft) Imhallef
Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur